**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**Rikors nru: 4/2021 AGV ;**

**A sive B C**

**vs**

**DEC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 6 ta' Jannar 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 8 ta' Ottubru 1989, u minn dil-ghaqda twieldu zewgt itfal, FC u GC illi llum huma maggorenni;
2. Illi t-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' digriet moghti mil-Onorabbli Qorti ( Sezzjoni Familja);

3. Illi l-partijiet ilhom legalment seperati b' kuntratt redatt min-nutar Dr. Joseph Debono datat 4 ta' April 2006, kif jidher ahjar mil-kuntratt anness u mmarkat Dok. A;
4. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfrotn tal-parti l-ohra, u dan anka ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciporkament mid-dritt jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment;
5. Illi l-ebda manteniment mhux dovut lit-tfal tal-kontendenti u dan anka ghaliex dawn illum huma maggorenni;
6. Illi m' hemm ebda prospett regenevoli ta' rikonciljazzjoni, bejn il-partijiet stante illi oltre' l-fatt li ilhom aktar minn 4 snin separati, huma ghandhom hajja totalment seperata indipendenti minn xulxin;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghbgoha;

1. Tippronunzja d-divorzju ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex issir d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Regsitru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66 A (4) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.**

**Il-Qorti** rat li fis-seduta tas- 16 ta' Frar 2021 deher il-konvenut li mhux joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**